**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 15 ta` Settembru 2015**

**Kawza Nru. 12**
**Rik. Gur. Nru. 774/09 JZM**

**Karmenu Vella**
**(ID 492553M)**

***kontra***

**General Workers` Union**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat presentat fis-6 ta` Awissu 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel (1) ta` Settembru elfejn u sitta (2006) ir-rikorrent irrizenja mill-impieg tieghu bhala Segretarju tat-Taqsima Servizzi u Media tal-Union intimata u dan skond ma jirrizulta mill-ittra ta` rizenja hawn annessa u markata bhala Dokument A.*

*2. Illi a tenur ta` klawsola numru K2 tal-Memorandum of Understanding datat Settembru 1999 (Dokument B) li jirregola inter alia l-kundizzjonijiet tal-impieg tal-ufficjali impjegati tal-General Workers` Union bhalma kien ir-rikorrent, "Segretarji li jispiccaw mill-impjieg taghhom minn mal-GWU huma intitolati ghal hlas ta` somma ta` elfejn lira (Lm 2000) jew somma ekwivalenti ta` l-ahhar tlett xhur paga fl-impjieg taghhom".*

*3. Illi ghalhekk il-General Workers` Union intimata hija debitrici versu r-rikorrent fis-somma ta` wiehed u ghoxrin elf seba` mija u zewg Ewro u erbatax-il centezmu (€21,702.14) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta` hamest elef mija u erba` Ewro u erbatax-il centezmu (€5,104.14) tliet xhur paga li r-rikorrent hu dovut li jithallas mill-Union intimata ai termini tal-Klawsola K2 tal-Memorandum of Understanding (Dokument A) u in kwantu ghas-somma ta` sittax-il elf hames mija tmienja u disghin Ewro (€16,598) ekwivalenti ta` mija u disghin (193) gurnata vacation leave li r-rikorrent hu intitolat ghalihom u ma thallasx taghhom bejn is-sena 1997 u s-sena 2005.*

*4. Illi l-General Workers` Union intimata giet interpellata diversi drabi biex thallas dan l-ammont izda dan sar inutilment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Tghid ghalhekk il-General Workers` Union intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u moghti kull provvediment opportun :*

*1. Tiddikjara illi l-Union intimata hija debitrici tar-rikorrent fis-somma ta` wiehed u ghoxrin elf seba` mija u zewg Ewro u erbatax-il centezmu (€21,702.14) kif hawn fuq spjegat ; u*

*2. Tikkundanna lill-Union intimata sabiex thallas lir-rikorrent is-somma ta` wiehed u ghoxrin elf seba` mija u zewg Ewro u erbatax-il centezmu (€21,702.14) bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali fl-ismijiet "Karmenu Vella vs General Workers` Union" datata 12 ta` Dicembru 2008 (4050/08) kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali fl-istess ismijiet datata l-1 ta` Awwissu 2007 (4517/07) kontra l-Union intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-attur flimkien mal-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata prezentata fit-18 ta` Settembru 2009 li taqra hekk –

*1. Preliminarjament il-union intimata teccepixxi n-nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti f`din l-istanza in kwantu l-pretensjonijiet dedotti mir-rikorrent huma fost dawk previsti f`Titolu I tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta u b`hekk huwa t-Tribunal Industrijali li hu vestit bil-gurisdizzjoni esklussiva sabiex jismaghhom u jddeciedihom ai termini ta` l-Artikolu 75(1)(b) ta` l-istess Kap ;*

*2. Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-union intimata teccepixxi l-preskrizzjoni ta` l-azzjoni tar-rikorrenti bi zmien sena ai termini tal-Artikolu 2147(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu jirrigwarda l-pretensjoni tar-rikorrenti ghal hlas ta` xi forma ta` beneficcju ta` tmiem l-impjieg, tali pretensjoni u konsegwenti talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante :*

*i. klawsola numru K2 tal-Memorandum of Understanding addottat fl-24 ta` Novembru 1999 (DOK GWU1 anness) ma taghtix tali jedd lir-rikorrenti izda minflok tistipula li "Segretarji li jkunu spiccaw mill-impjieg taghhom minn mal-GWU huma obbligati li ma jaccettawx impjieg iehor jew jiehu sehem f`attivitajiet li jistghu jitfghu dell ikrah fuq l-integrita` taghhom jew dik tal-GWU".*

*ii. tezisti biss konswetudini li l-union intimata thallas ammont ex gratia lil ufficjali taghha li jispiccaw mill-kariga bhala turija ta` apprezzament tas-servizz u lealta` lejn l-organizzazzjoni, liema konswetudini ma taghti ebda jedd lir-rikorrenti li jippretendi xi hlas bi dritt, aktar u aktar meta l-lealta` kienet palezament nieqsa ;*

*4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u l-union intimata mhix debitrici tar-rikorrent ;*

*5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke kieku xi ammont jista` jkun dovut lir-rikorrenti – dan huwa dato ma*

*non concesso – minn tali ammont ikun irid jitnaqqas il-perijodu tan-notice mhux mahmum mir-rikorrent ;*

6. *Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-intimata flimkien mal-elenku tad-dokument li kien esebit minnha.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta` Dicembru 2009 fejn idderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw l-ewwel eccezzjoni.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-24 ta` Gunju 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

**Rat is-sentenza taghha tat-30 ta` Settembru 2010 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet l-ewwel eccezzjoni, spejjez ghall-ghaqda konvenuta.**

Rat id-digriet taghha moghti fil-miftuh fl-udjenza tal-25 ta` Ottubru 2010, fejn laqghet it-talba tal-ghaqda konvenuta sabiex tinghata permess tappella mis-sentenza taghha tat-30 ta` Settembru 2010.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta` Novembru 2010 fejn il-Qorti, wara li accertat ruhha illi li l-ghaqda konvenuta ipprezentat l-appell, halliet il-kawza *sine die* riappuntabbli fi zmien xahar mid-data li fiha jkun deciz l-appell.

**Rat is-sentenza tal-11 ta` Novembru 2011 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell, ikkonfermat is-sentenza appellata, u ordnat li l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-ghaqda konvenuta.**

Rat id-digriet taghha tat-22 ta` Novembru 2011 fejn, wara li kienu rinvjati lilha l-atti tal-kawza wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, irriappuntat il-kawza ghall-udjenza tad-19 ta` Jannar 2012.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Jannar 2012 fejn il-Qorti dderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw it-tieni eccezzjoni halli taghti decizjoni dwarha, qabel ma tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-mertu, jekk ikun il-kaz.

Rat il-provi li ressqu l-partijiet dwar it-tieni eccezzjoni.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-26 ta` Marzu 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-8 ta` Ottubru 2013 dwar it-tieni eccezzjoni bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

**Rat is-sentenza taghha tat-8 ta` Ottubru 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet it-tieni eccezzjoni, spejjez ghall-ghaqda konvenuta.**

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Novembru 2013 fejn il-partijiet qablu li kull prova li tressqet sa dakinhar ghall-fini tal-ewwel u tat-tieni eccezzjonijiet tkun tghodd ukoll bhala prova tal-mertu.

Rat in-nota li pprezenta l-attur fis-27 ta` Dicembru 2013 fejn iddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Tony Zarb.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Tony Zarb, u x-xiehda tal-attur fl-udjenza tal-10 ta` April 2014.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-attur fl-udjenza tas-17 ta` Gunju 2014.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-4 ta` Novembru 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

**<u>L-attur</u>** xehed li ghal habta ta` Gunju 1997, huwa accetta li jibda jmexxi t-Taqsima tal-Haddiema Professjonali u Klerikali (illum Taqsima Servizzi u Media) (minn issa `l quddiem tissejjah "it-Taqsima") tal-ghaqda konvenuta (minn issa `l quddiem tissejjah "GWU") bhala Agent-Segretarju. In segwitu nhatar Segretarju tat-Taqsima, u sar impjegat *full-time* tal-GWU. Qabel sar impjegat tal-GWU, l-attur irrizenja mill-impieg tieghu ta` qabel li kien dak ta` Manager fil-Bank of Valletta. Wara li sar Segretarju, huwa nnegozja u kkonkluda ftehim kollettiv ghall-impjegati tal-GWU, flimkien ma` `memorandum of understanding` (minn issa `l quddiem jissejjah "Dok B") ghall-ufficjali eletti u mhux eletti tal-GWU. Dok B kien jirregola l-kondizzjonijiet tal-impieg u s-salarji.

L-attur kompla jixhed illi huwa baqa` Segretarju tat-Taqsima sal-31 ta` Awwissu 2006 ghaliex b`effett mill-1 ta` Settembru 2006, huwa rrizenja bhala konsegwenza ta` disgwid mat-tmexxija tal-GWU. Mieghu rrizenjaw l-membri tal-Ezekuttiv tat-Taqsima (hlief wiehed) u numru kbir ta` delegati u membri tat-Taqsima. Jumejn qabel irrizenja, mar ghand il-`Human Resources and Administration Manager` tal-GWU, Manwel Farrugia, fejn talbu jaghtih bil-miktub id-dettalji tal-leave li ma kienx ha kemm kien ilu fl-impieg tal-union, is-salarju li kien dovut sal-31 ta` Awwissu 2006, u l-ammont ekwivalenti ghal tliet xhur salarju li kellu jiehu skond Dok B. Farrugia tah l-informazzjoni kollha, u qallu li kien sejjer ighaddi d-dettalji lil Robert Borg, Kontrollur Finanzjarju, u lil Gejtu Mercieca, Deputat Segretarju Generali, sabiex isiru l-hlasijiet dovuti. L-attur ried li jkun trattat kif kien diga` sar fil-kaz ta` segretarji u l-ufficjali kollha tal-GWU li spiccaw jew irrizenjaw mill-kariga. Dwar il-leave, ippreciza li l-istruzzjonijiet li dejjem kellhom kienu li, minhabba l-volum kbir ta` xoghol li kellhom is-segretarji tat-taqsimijiet, il-leave ta` kull sena li ma jilhaqx jittiehed, kien jakkumula ghas-sena ta` wara, u jekk jispiccaw mill-impieg, il-leave akkumulat li ma jkunx ittiehed jithallas, ikun ta` liema sena jkun.

L-attur stqarr illi wara li ghaddew xi jiem mir-rizenja tieghu, cempel lil Manwel Farrugia li min-naha tieghu, irreferieh ghal Robert Borg. Kellem lil Robert Borg li kkonferma li l-figuri kienu korretti u li kellu dritt jithallas. Fil-fatt l-ammont li talab fil-kawza tal-lum, hekk kif spjegat fir-rikors guramentat, huwa l-istess wiehed li hadem Manwel

Farrugia u li kkonferma Robert Borg. Dan Borg pero` qallu wkoll li Gejtu Mercieca kien iddecieda li japprova biss il-hlas tas-salarju sal-31 ta` Awissu 2006 u l-hlas tal-leave tal-2006 li ma kienx ha sal-31 ta` Awissu 2006, u rrifjuta li huwa jithallas il-leave ta` qabel l-2006 u l-ammont indikat fid-Dok B.

L-attur kompla spjega illi huwa baqa` jaghmel kuntatt ma` Robert Borg biex jithallas kull ma kien dovut lilu izda Robert Borg baqa` jghidlu li Gejtu Mercieca kien qed jirrifjuta.

L-attur ighid ukoll illi kellem lil Dr Noel Vella, Direttur tal-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali. Dan kellem lil Tony Zarb, Segretarju Generali tal-GWU, li qal li kien se jara l-kwistjoni. Dr Vella kellem lura lill-attur u qallu li Tony Zarb kien qed jiehu jiehu l-istess linja li kien ha Gejtu Mercieca. Ghalhekk saret din il-kawza.

Fil-**kontroezami**, l-attur xehed

**Roberto Cristiano** xehed illi huwa beda jahdem mal-GWU fl-1998 u spicca fl-2008. Kien Segretarju tat-Taqsima Manifattura u SMEs li qabel kienet maghrufa bhala it-Taqsima Tessuti, Hwejjeg u Gild. Gharaf id-Dok B bhala d-dokument li kien jirregola kif ghandhom joperaw is-Segretarji. Fid-Dok B kien miktub ukoll illi jekk Segretarju ma jkunx elett jew jiddeciedi li ma jkomplix, ikollu dritt ghal tliet xhur paga kurrenti. Meta hu spicca mill-GWU, thallas dawn it-tliet xhur paga.

Kompla jixhed illi wara li mhux biss l-attur izda zewg segretarji ohra spiccaw mill-GWU, id-Dok B inbidel fis-sens illi l-bazi baqghet l-istess izda dahlet klawsola illi jekk is-Segretarji jhallu l-GWU bi glied u jaghmlu hsara lill-union allura hemm jintilef id-dritt ghal tliet xhur paga.

Stqarr illi l-kwistjoni tal-leave mhux mehud ma kenitx materja li kienet trattata fid-Dok B izda kien il-mertu ta` ftehim verbali li kien fis-sens illi billi l-kariga ta` Segretarju kienet tinvolvi certa responsabilita` tant li xi drabi Segretarju ma jkunx jista` jiehu l-leave kollu ta` sena, allura meta Segretarju jigi biex ihalli l-union, jithallas tal-leave li ma jkunx ha. Fil-kaz tieghu personalment, hekk gara u l-hlas sar mal-ahhar paga.

Qal illi fit-tahdidiet mal-Amministrazzjoni tal-GWU, l-attur kien jirrapprezenta lis-Segretarji kollha. Kompla hekk :-

*U meta kien jispicca xi ufficjal kien jaghti rendikont lil grupp ta` segretarji ghax bhala gerarkija konna niltaqghu darba fil-gimgha l-amministrazzjoni centrali flimkien mal-grupp tas-segretarji u wara li jkun sar ftehim bejn is-segretarju li jirrapprezenta lis-segretarji, l-individwu u l-amministrazzjoni kienu jaghtu feedbank lill-grupp tas-segretarji f`sens ta` trasparenza.*

Ghalhekk, skond ix-xhud, bil-hlas tal-leave li ma jkunx ittiehed, kienet tigi mgharrfa din il-laqgha.

Qal li l-Amministrazzjoni Centrali kienet komposta minn hames persuni : il-President, il-Vici-President, is-Segretarju Generali, u z-zewg Deputati Segretarji Generali.

Qal illi meta spiccaw Mario Cutajar (Deputat Segretarju Generali), Lino Debono (Segretarju) u Manuel Micallef (Deputat Segretarju Generali), kollha thallsu tal-leave mhux mehud ; anke ghaliex id-Dok B kien ighodd ghad-Deputat Segretarji Generali.

Stqarr illi meta l-attur irrizenja, huwa telaq b`effett immedjat u allura bla ma hadem in-notice. Ix-xhud ighid li qatt ma ra l-ittra ta` rizenja. Meta telaq l-attur, fil-GWU kien hemm *ambjent tqil, ambjent ta` konflitt* (kliem ix-xhud). L-aktar imqanqal kien Gejtu Mercieca ghaliex sostna li billi kien hemm attakki fuq il-GWU, ma accettax li l-attur jithallas tal-leave li ma kienx ha. Il-Kunsill Nazzjonali tal-union *ittimbra* (kliem ix-xhud) id-decizjoni ta` Gejtu Mercieca.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Roberto Cristiano xehed li meta huwa spicca mill-union, huwa ta n-notice. Qal li meta Lino Debono kien qed joqrob l-eta` tal-irtirar, huwa beda jaghti `handover` lil min kien se jiehu postu. Fil-kaz ta` Mario Cutajar, dan ma tax `handover`. Fil-kaz ta` Josephine Attard Sultana, din tkecciet mill-union u ma jidhirlux li thallset tal-leave akkumulat pero` dwar dan ma kienx cert. Josephine Attard Sultana spiccat mill-union qabel l-attur. Meta Segretarju kien jiehu l-leave, kien jimla applikazzjoni.

Fir-**<u>riezami</u>**, ix-xhud kien muri l-ittra ta` rizenja tal-attur. U kkonferma li kienet tghid illi huwa kien lest jaghti `handover`.

**Robert Borg** xehed illi huwa l-Kontrollur Finanzjarju tal-GWU, kien ilu jokkupa dik il-kariga mill-2002 u kien fil-kariga meta nqala` l-kaz tal-attur.

Ix-xhud spjega li meta l-attur spicca mill-GWU, il-Manager tal-Human Resources, Manuel Farrugia, stabilixxa x`ammont kellu jiehu. Meta l-ammont kien komunikat lilu, huwa mar ghand l-Amministrazzjoni biex jiffirma c-cheque tal-pagament.

Ipprezenta Dok RB1 u Dok RB2 li inhargu minn Manuel Farrugia. Jittrattaw il-kwistjoni tal-leave tal-attur. Jirrizulta li l-attur ma kienx ha 280 –il gurnata leave ghaz-zmien ta` bejn l-1998 u l-2006 (Dok RB2). It-taghrif li nghata minn Manuel Farrugia bl-ammont relattiv kien korrett. Huwa ma kienx awtorizzat mill-Amministrazzjoni tal-GWU illi johrog il-pagament favur l-attur. Ighid li fil-kaz ta` Segretarji ohra, kienet segwita l-istess procedura pero` kellu l-awtorizzazzjoni li johrog il-pagament ; semma l-kazi ta` Lino Debono, Alfred Cassar u Roberto Cristiano. Anke meta spicca Gejtu Mercieca, thallas tal-leave "l-antik". Ikkonferma li l-attur thallas il-paga dovuta sal-31 ta` Awissu 2006.

Indipendentement mill-kwistjoni li ma kienx awtorizzat johrog il-pagament, il-figura ta` €21,702.14 bhala `workings` qatt ma kienet kontestata. In kwantu ghal-leave akkumulat (€16,598) dak kien dovut fi hlas. Ghar-rigward tal-hlas ta` tliet xhur paga, qal li dik kienet forma ta` `terminal allowance` jew `terminal benefit`. Segretarji ohra thallsu. Imma l-attur baqa` ma thallasx ghaliex ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni biex il-hlas isir.

Fil-**kontroezami**, Robert Borg xehdet illi Josephine Attard Sultana ma kenitx thallset it-tliet xhur paga. Cahad li qal lill-attur li kellu dritt jiehu l-ammonti pretizi minnu fil-kawza.

**Xehed Manuel Farrugia li fl-2006 kien `Human Resources and Administration Executive` mal-GWU. Fl-2008, irrizenja mill-union ghal ragunijiet ta` sahha.**

**Ghal ghadd gmielu ta` domandi, ix-xiehda ta` Manuel Farrugia kienet kostellata minn sensiela ta` risposti, wahda wara l-ohra, rasenti r-reticenza.**

Ghar-rigward tad-domandi li wiegeb, **Manuel Farrugia** kkonferma illi Dok RB2 kien il-leave li l-attur ma kien ha kemm kien ilu mpjegat tal-GWU. Is-superjuri tieghu fl-Amministrazzjoni kienu Tony Zarb (Segretarju Generali tal-GWU) u Gejtu Mercieca (Deputat Segretarju Generali). Dirett fuqu kien hemm dan tal-ahhar. Ikkonferma li l-leave tas-Segretarji kien jakkumulaw sena wara l-ohra. Fil-kaz tal-attur, ma kien l-ebda struzzjonijiet sabiex il-leave jittiehed fis-sena li maghha jkun abbinat. Il-leave kien jithallas dment li jkun hemm direzzjoni ohra mill-Amministrazzjoni. Ikkonferma li Mario Cutajar irrizenja mill-GWU. Dwar hlas tal-leave, ma ftakar xejn. Qal illi Lino Debono ntira biz-zmien, u thallas tal-leave akkumulat. Alfred Cassar thallas ukoll. Ighid illi ma l-attur ma thallasx ghaliex irrizenja mill-GWU. Fil-kaz tal-attur, l-ammont tal-leave li hadem huwa stess kien dovut.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud stqarr li qabel jittiehed il-leave kien hemm formoli apposta li kellhom jimtlew, inkluz mis-Segretarji kompriz l-attur. Id-dipartiment tieghu kien izomm `record` ta` kull impjegat (inkluzi s-Segretarji) li kienu japplikaw u jiehdu l-leave. Il-kompitu tal-hlas ma kienx tieghu izda tal-finanzi.

Fi-**riezami,** ix-xhud ikkonferma li dwar il-kontegg tal-leave ma kienx hemm kontestazzjoni.

**Tony Zarb** issejjah biex jixhed mill-attur.

Huwa xehed illi huwa s-Segretarju Generali tal-GWU. Ikkonferma l-kontenut ta` Dok B. Qal li l-klawsola K2 ta` Dok B hija differenti minn dik ta` ftehim iehor li sar wara.

Xehed illi l-klawsola K2 kif kienet qabel kienet applikata ma` Segretarji ohra izda mhux mal-attur.

Ikkonferma li wara li rrizenja mill-union, l-attur ghamel `claims` ghal hlasijiet konsistenti mill-hlas ghal leave mhux mehud u hlas skond il-klawsola K2.

Dwar leave mhux mehud, xehed illi kien jaf b`Segretarji li ma thallsux tal-leave akkumulat u ohrajn li thallsu tieghu.

Stqarr illi l-attur ma thallasx tal-leave akkumulat ghaliex *ma kellna l-ebda talba minghand Karmenu Vella biex il-leave jigi carried over ghal snin ta` wara* (kliem ix-xhud).

Qal li kienet decizjoni unanima tal-Amministrazzjoni Centrali tal-union li l-attur ma jithallasx la tal-leave mhux mehud u lanqas skond il-klawsola K2 ghaliex *ahna dehrilna li l-mod kif spicca Karmenu Vella mill-union, kien mod mhux kif spiccaw Segretarji ohra, ghall-fatt illi Karmenu Vella spicca mill-union b`attakk dirett fuq il-union u ha wkoll numru ta` membri mill-General Workers` Union ... dan hadilna gruppi ta` membri, kif ukoll mar jahdem mill-ewwel ma` trade union ohra li mbaghad bdiet tirrapprezenta l-istess membri li kienu maghna ... dehrilna li dan spiccax on good terms maghna kif spiccaw Segretarji ohra ... ma kienx haqqu li wiehed jippremjah b`xi haga li wara li ghamlilha hekk lill-union* (kliem ix-xhud).

Qal illi ma kienx hemm ic-cans li jittiehdu passi dixxiplinari kontra l-attur billi qabad u telaq mill-union.

Ikkonferma li d-Direttur tax-Xoghol kien intervjena sabiex tinstab soluzzjoni bejnu u l-attur. Wara li rrefera l-kwistjoni lill-Amministrazzjoni Centrali, id-decizjoni kienet li l-bieb jibqa` maghluq u cioe` li l-attur ma jiehu xejn flus milli kien qed jippretendi minhabba l-mod kif ittratta mal-GWU.

**<u>Tony Zarb</u>** ipprezenta wkoll affidavit. Fost hwejjeg ohra, jixhed hekk :-

*Naghmel riferenza ghad-dokument esebit mill-attur fejn bis-sahha tieghu qed jippretendi li ghandu xi dritt jircievi hlas mat-tmiem tal-impieg tieghu. Ghandi nghid li d-dokument in kwistjoni ma naghrfux bhala wiehed validu u nzid nghid li l-lawsola invokata mill-attur qatt ma giet inkluza f`xi ftehim li jirregola l-kundizzjonijiet tas-segretarji. Fil-fatt id-dokument ufficjali validu li jirregola l-kundizzjonijiet tax-xoghol tas-segretarji huwa dak esebit mill-GWU f`din il-kawza li huwa ffirmat minni stess u li fih ma hemmx klawsola li taghti dritt lil segretarju ghal xi somma specifika fi tmiem l-impieg.*

Ighid li l-hlas ta` tliet xhur paga li kien isir meta Segretarju jirtira qatt ma kien intiz bhala xi dritt izda kien biss att ta` rikonoxxenza ghal-

lealta` murija mill-persuna koncernata lill-union. Il-hlas kien ghalhekk intiz li jkun *ex gratia*. L-attur ma kienx haqqu dak il-hlas ghall-mod kif gab ruhu b`mod zleali lejn il-union. Thallas biss dak li kellu dritt ghalih skond il-ligi.

Dwar il-leave mhux mehud, xehed hekk :-

*... ghandi nghid li qatt qabel ma kien hemm xi talba ghal leave mhux mehud. Is-segretarji kienu jirregolaw il-mof kif jiehdu l-leave u l-amministrazzjoni qatt ma cahhditu xi jedd li jibbenefika minn leave.*

Wara dan l-affidavit, **Tony Zarb** sarlu **kontroezami** mill-attur.

Xehed illi wara l-1999, is-Segretarji kollha – hlief tlieta – thallsu it-tliet xhur paga. It-tlieta li ma thallsux kienu l-attur, Josephine Attard Sultana u Manuel Zammit.

Qal illi Mario Cutajar spicca mill-union ghaliex *il-group tas-segretarji ma kienx fadallu fiducja fih* (kliem ix-xhud). Jekk thallasx it-tliet xhur paga, ix-xhud ighid li bi probabilita` kien thallas pero` ried jivverifika biex ighid fic-cert.

Xehed illi meta spiccaw Cory Greenland u Louis Marsh fi zmien ricenti thaddmet il-prassi tal-hlas tat-tliet xhur paga ghal-lealta` li wrew lejn il-GWU.

**L-attur** kien awtorizzat jerga` jiddeponi (ara l-verbal tas-seduta tal-10 ta` April 2014 a fol 299).

Xehed illi l-`memorandum of understanding` li kkonkluda hu kien dak a fol 6 tal-process u cioe` Dok B mhux dak a fol 27 li pprezentat il-GWU mar-risposta guramentata taghha.

Qal hekk dwar il-klawsola K2 :-

*... dik il-klawsola hija parti mill-memorandum li giet iffirmata mis-segretarji kollha u giet iffirmata mill-membri tal-amministrazzjoni centrali kollha, inkluz is-sur Zarb u li gie approvat kollu inkluz din il-klawsola mill-Kunsill Nazzjonali tal-General Workers Union.*

Ighid illi meta rrizenja hu mill-union, id-Dok B a fol 6 kien fis-sehh.

Fil-**kontroezami**, l-attur xehed illi l-problemi li kellu ma` Gejtu Mercieca ma kienux personali izda trejdunjonistici. Dak iz-zmien Mercieca kien Deputat Segretarju Generali responsabbli mit-Taqsimiet. Il-problemi ma` Mercieca kienu dwar stil, u dwar decizjonijiet li ma kienux qeghdin jittiehdu fl-interess tal-membri. Ir-ragunijiet ghala rrizenja jinsabu fl-ittra ta` rizenja u stqarrhom fil-pubbliku wara li rrizenja. Josephine Attard Sultana tkecciet mill-union fit-8 ta` Awissu 2006 b`decizjoni ta` maggoranza li ha l-Kunsill Nazzjonali. Hu ma kienx qabel ma` dik id-decizjoni, li fil-fehma tieghu kienet hazina ; lanqas mal-procedura li kienet adoperata. Dik kienet wahda mir-ragunijiet ghaliex irrizenja. Il-kaz ta` Attard Sultana kien ghadu pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali. Manuel Zammit irrizenja ftit qabel irrizenja hu.

Kompla jixhed illi wara li rrizenja, dam tmien xhur bla xoghol u kien jirregistra, ghaliex hu kien impjegat tal-union mhux kien `seconded` mal-union. Il-kondizzjonijiet tax-xoghol tieghu kienu regolati bid-Dok B. Fil-bidu li kien dizokkupat, kien mitlub mill-Malta Dockers Union biex ighinhom jifformolaw statut u hekk ghamel. Wara tmien xhur bla xoghol, inhatar konsulent tal-Malta Dockers Union u beda jdahhal xi haga. Qatt ma hadem kontra l-GWU, u meta nqalghet il-kwistjoni tal-membri li kienu haddiema tax-xatt, huwa insista maghhom li ma jiffurmwx union ohra izda li d-disgwid li kien hemm jigi risolt fl-ambitu tal-GWU.

Xehed illi s-socjeta` A1 Plus Services Limited hija kumpannija tieghu u kienet iffurmata lejn l-ahhar tal-2007. Is-socjeta` kienet hadet `tender` biex tissupplixxi n-nies tax-xatt lill-Freeport.

Ikkonferma li l-leave mhux mehud kien jigi `carried forward` ghas-sena ta` wara. Ighid illi :-

... *Ftehim bil-miktub fuq il-leave ma kienx hemm pero` l-prattika kienet dejjem li jinghata l-leave.*

Sostna li kull sena kien japplika ma` Manuel Farrugia tal-Human Resources sabiex il-leave li ma jkunx ha f`sena jigi trasferit ghas-sena ta` wara. Hu kien ikollu miktub fid-diary tieghu u Manuel Farrugia kien inizzel kollox fir-`records` tieghu.

Dwar il-`memorandum of understanding` li pprezentat il-GWU, ix-xhud sostna li kien hemm diskrepanza kbira mad-Dok B. Id-Dok B tfassal minnu u minn Mario Cutajar u ma kien approvat mill-Kunsill Nazzjonali. Ghalkemm in segwitu Mario Cutajar spicca mill-union ghaliex intilfet il-fiducja fih, il-klawsola K2 kienet applikata favur tieghu. Id-Dok B baqa` fis-sehh anke wara li rrizenja hu.

## III. Dritt

Hlief ghal dawk il-kazi fejn il-ligi stess tistabilixxi l-forma skritta *ad validitatem,* kuntratt jista` jsir anke bil-fomm. U kwindi kwalsiasi kuntratt li jsir skond il-ligi ghandu s-sahha ta` ligi ghall-kontraenti. U kuntratt validu ma jistax jithassar, hlief bil-kunsens ta` l-kontraenti. Jekk kuntratt jissodisfa r-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-**Art 966 tal-Kap 16** ikun qed jirrifletti l-volonta` legittima tal-kontraenti, liema volonta` hija suprema.

Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1998 fil-kawza **"Gloria Beacom et vs Anthony Spiteri Staines"** inghad illi :-

*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda.*

Skond l-**Art 933 tal-Kap 16**, il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fidi u jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda dak li l-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi. (ara "**Joseph Falzon vs Calcedonio Cuschieri**" – Appell Civili – 23 ta` Ottubru 1936 – Kollez. Vol. XXIX.i.1408 ; "**Joseph Francis Depares noe vs John O`Dea noe**" – Appell Civili – 25 ta` Gunju 1996).

Skond l-**Art 1002 tal-Kap 16**, meta l-kliem ta` konvenzjoni mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni.

Fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol XXXVI.I.191**, jinghad illi :-

*Meta l-kliem ta` l-att huma cari, l-interpretu ghandu joqghod ghal dawn il-kliem u mhux jirrikorri ghall-kongetturi.*

Fl-applikazzjoni tar-regoli ta` interpretazzjoni mhijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa, imma hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta` kif gie uzat mill-kontraenti ; dan ghandu jghodd. Jekk ghall-gudikant id-dicitura uzata ma tistax ma twassalx oggettivament ghal sens car u univoku, hu dan is-sens li ghandu jfisser il-volonta` espressa mill-kontraenti bil-konvenzjoni. Hu biss "*meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri li jrid jigi kunsidrat dak li l-partijiet kontraenti riedu*". ( ara : "**John Zammit vs Michael Zammit Tabone et**" – Appell Civili - 28 ta` Frar 1997).
1997).

Fis-sentenza citata fil-**Kollez. Vol. XXXIV. III. 746** :-

*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta` att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b`mod ambigwu.* (ara wkoll – Appell Civili – "**Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb**" – 30 ta` Marzu 1997)

Fis-sentenza citata fil-**Kollez. Vol. XXIV.I.27** jinghad :-

*Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f`kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet.*

## IV. Risultanzi

Bl-applikazzjoni tad-dritt, fl-isfond tal-gurisprudenza, ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum, il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet :-

1) L-attur qed igib `il quddiem talba komplessiva ta` hlas ghall-ammont ta` €21,702.10 in kwantu ghal €5,104.10 abbazi tal-hekk imsejjah

`memorandum of understanding` (Dok B a fol 6) u in kwantu ghal €16,598 bhala hlas ta` leave mhux mehud li mhuwiex suggett trattat fid-Dok B.

2) Il-Qorti sejra tqis l-ewwel it-talba ghall-hlas ta` €5,104.10.

3) Hareg mill-provi ghaliex sar il-"memorandum of understanding". Fil-kuntest tar-relazzjonijiet interni prevalenti fil-union konvenuta, il-`memorandum` ma kienx imsejjah jew intitolat kuntratt ta` servizz jew kuntratt tax-xoghol jew ftehim kollettiv. Issejjah `memorandum of understanding`. Ghaliex preciz issejjah hekk ma jirrizultax mill-provi. Jibqa` l-fatt, u dwar dan il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju, li l-hekk imsejjah `memorandum of understanding` kien kuntratt ghall-finijiet u effett kollha tal-ligi u vinkolanti fuq il-kontraenti. Fil-kaz tal-lum, il-kontraenti koncernati huma l-partijiet.

4) Il-vera kwistjoni hija liema huwa l-`memorandum` it-tajjeb u cioe` dak prezentat bhala Dok B mill-attur li jgib id-data tal-24 ta` Novembru 1999 a fol 6 et seq, jew dak prezentat mill-konvenuta bhala Dok GWU1 li jgib l-istess data a fol 27 et seq tal-process.

5) Din il-Qorti tghid mill-ewwel u minghajr l-icken esitazzjoni li huwa Dok B esebit mill-attur li jirregola l-kondizzjonijiet tal-impieg tal-attur mal-konvenuta.

6) Id-differenza bejn Dok B u Dok GWU1 rilevanti ghall-kawza tal-lum hija klawsola K.2.

7) Fid-Dok B, din il-klawsola taqra hekk :-

*Segretarji li jkunu spiccaw mill-impjieg taghhom minn mal-GWU huma ntitolati ghal hlas ta` somma ta` elfejn lira Maltin (Lm 2000) jew somma ekwivalenti ta` l-ahhar tlett xhur paga fl-impjieg taghhom. Dan il-hlas ma jinghatax jekk is-Segretarju jkun spicca mill-impjieg minhabba dixxiplina.*

8) Abbazi ta` din il-klawsola tad-Dok B, l-attur ghandu dritt ghall-hlas tal-ammont mitlub ghaliex irrizulta ppruvat :-

a) Illi l-attur kien impjegat bhala Segretarju mal-konvenuta ;

b) Illi l-attur spicca mill-impieg mal-konvenuta ;

c) Illi l-attur ma spiccax mill-impieg mal-konvenuta minhabba dixxiplina izda ghaliex irrizenja ;

d) Illi l-fatt li spicca mill-impieg tieghu ta` Segretarju mal-konvenuta mhux minhabba dixxiplina jaghti lill-attur id-dritt ghall-hlas.

e) Illi l-ammont reklamat fil-kawza mill-attur huwa ekwivalenti ghall-ahhar tliet xhur paga tiegh bhala Segretarju.

9) Il-klawsola K.2. ta` Dok GWU1 esebit mill-konvenuta taqra hekk :-

*Segretarji li jkunu spiccaw mill-impieg taghhom minn mal-GWU huma obbligati li ma jaccettawx impjieg iehor jew jiehu sem. F`attivitajiet li jistghu jitfghu dell Kira fuq l-integrita` taghhom jew dik tal-GWU.*

10) Fid-difiza taghha kontra t-talba ghall-hlas ta` €5,104.10 pretiza mill-attur, il-konvenuta qeghda titfa` l-piz tal-argument kollu taghha fuq li l-kuntratt vinkolanti huwa Dok GWU1 u qeghda tqis Dok B bhala inezitenti. Tant dan huwa hekk illi fl-eccezzjonijiet taghha ma taghmel l-ebda accenn ghal Dok B, u fit-tielet eccezzjoni tghid :-

*i. klawsola numru K2 tal-Memorandum of Understanding addottat fl-24 ta` Novembru 1999 (**<u>DOK GWU1 anness</u>**) ma taghtix tali jedd lir-rikorrenti izda minflok tistipula li "Segretarji li jkunu spiccaw mill-impjieg taghhom minn mal-GWU huma obbligati li ma jaccettawx impjieg iehor jew jiehu sehem f`attivitajiet li jistghu jitfghu dell ikrah fuq l-integrita` taghhom jew dik tal-GWU".* (sottolinear u enfasi ta` din il-qorti)

*ii. tezisti biss konswetudini li l-union intimata thallas ammont ex gratia lil ufficjali taghha li jispiccaw mill-kariga bhala turija ta` apprezzament tas-servizz u lealta` lejn l-organizzazzjoni, liema konswetudini ma taghti ebda jedd lir-rikorrenti li jippretendi xi hlas bi dritt, aktar u aktar meta l-lealta` kienet palezament nieqsa.*

11) Abbazi tal-provi jirrizulta <u>bl-aktar mod u inekwivoku</u> li Dok B huwa d-dokument li fuqu ghandha tistrieh din il-Qorti. Ix-xiehda tal-attur ma thallix l-icken dubju. Hija korraborata mix-xiehda ta` Roberto Cristiano. Hija sostnuta wkoll mill-prova li numru ta` persuni li kienu Segretarji qabel irrizenja l-attur thallsu skond il-K.2. ta` Dok B. Kontra dawn il-fatti, hemm ix-xiehda altanelanti ta` Tony Zarb li meta taghsar

fuq li taghsar is-sostanza taghha ssib li l-verita` tinstab fil-fatt illi l-K.2. ta` Dok GWU1 dahlet fis-sehh wara li l-attur kien irrizenja mill-konvenuta. Ghalhekk kwalsiasi difiza inkorporata fit-tielet eccezzjoni ma tistax tigo rinfaccjata lill-attur ghaliex l-assjem tal-provi juri bic-car (ara s-sisntesi tal-provi ta` hawn fuq) illi l-K.2. il-gdida dahlet bhala reazzjoni ghar-rizenja tal-attur li rrizulta – anke dan minghajr l-icken dubju – li kien l-artefici ma` Mario Cutajar tad-Dok B.

12) Tirrizulta ppruvata fuq bilanc ta` probabilitajiet il-pretensjoni tal-attur ghall-hlas ta` €5,104.10.

13) Nigu issa ghal-leave mhux mehud li skond l-attur jammonta ghall-hlas ta` €16,598.

14) Din il-Qorti tghid mill-ewwel li l-ammont pretiz mhuwiex ikkontestat. Anke li kieku kien kontestat, il-kontestazzjoni kienet tkun ghal kollox inutili. Tant dan huwa hekk illi skond ix-xiehda ta` Manuel Farrugia u Robert Borg, mhux biss l-ghadd tal-granet ta` leave mhux mehud kien tajjeb izda anke l-ammont abbinat kien tajjeb ukoll. Fil-kaz ta` Robert Borg, jinsisti li l-pagament ma kienx hareg ghaliex ma kienx awtorizzat mis-superjuri tieghu biex jeffettwa l-hlas. Dan kollu jfisser illi kull argument li giebet il-konvenuta fis-sens illi l-ammont *ut sic* kien jigi stabbilit mill-attur jaqa` fix-xejn propju ghaliex tant irrizulta li l-GWU kellha record tal-leave li l-granet mhux menuda kienu determinati minn Manuel Farrugia li mbaghad ghaddiehom lill-attur minghajr diffikulta` ta` xejn.

15) Dwar il-hlas tal-leave mhux menuda, il-vera kwistjoni hija li din in ma kenitx regolata minn kuntratt izda kien hemm procedura jew prassi li kienet tirregolaha. Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u tghid hekk. Ladarba ma kien hemm disposizzjoni skritta, il-Qorti tista` toqghod fuq l-uzu. Dan taghmlu ghaliex anke l-ligi stess tghid li tista` taghmlu.

16) Din il-Qorti rat il-gurisprudenza citata fis-16th Edition ta` **Selwyn`s Law of Employment** (2011 – OUP – pg 111 et seq) u tghid illi *custom* jew l-uzu huwa *a source of employment terms.* Fil-kaz tal-lum mhuwiex daqstant rilevanti dak li jigri fid-dinja tat-*trade unions* in generali izda dak li sehh u twettaq b`mod assodat fil-union konvenuta. Meta qieset ir-ragunijiet ghala ma kienx ittiehed il-leave, il-fatt illi c-caqlieq minn sena ghal ta` wara tal-leave mhuwiex projbit mil-ligi, illi l-ghadd tal-leave mhuwiex kontestat, u li l-leave mhux mehud jithallas

kienet pratikata fil-union konvenuta, din il-Qorti tghid li hawn si tratta ta` uzu li kien *reasonable, notorious and certain.* Fil-kaz tal-lum irrizulta li haddiehor qabel l-attur kien thallas. Ma rrizultat ippruvata l-ebda raguni ghala l-attur ma kellux jthallas ukoll.

17) Tirrizulta ppruvata fuq bilanc ta` probabilitajiet il-pretensjoni tal-attur ghall-hlas ta` €16,598.

18) Tibqa` l-kwistjoni tan-`notice money` li kienet sollevata fil-hames eccezzjoni tal-konvenuta.

19) L-**<u>Art 36(5) tal-Kap 452</u>** jistabilixxi kemm kellu jkun l-avviz tat-temm tal-impieg ; fil-kaz tal-lum, mill-impjegat billi kien l-attur li telaq l-impieg. Hemm imbaghad l-**<u>Art 36(9)</u>** li jghid illi *meta jirċievi avviż mingħand l-impjegat kif intqal qabel, il-prinċipal ikun jista` jagħżel jew li jħalli lill-impjegat li jkompli jaħdem sakemm iż-żmien tal-avviż jagħlaq jew, f`kull żmien matul li jkun għaddej iż-żmien tal-avviż, iħallas lill-impjegat somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha titħallas dwar iż-żmien tal-avviż li ma jkunx għalaq.*

20) Hija l-fehma meqjusa ta` din il-Qorti illi l-konvenuta ma tistax tirreklama tnaqqis tan-"notice money" ghal dawn ir-ragunijiet :-

a) In-`notice money` huwa relatat mal-paga. Eppure u cio` nonostante, l-attur thallas dak kollu li kien jispetta lilu **<u>bhala paga</u>** sal-31 ta` Awissu 2006 **<u>minghajr l-ebda riserva</u>** mill-konvenuta ;

b) Fl-ittra ta` rizenja, l-attur wera d-disponibilita` tieghu li jaghti *handover lil persuna jew persuni* ndikati mill-konvenuta. Eppure din id-disponibbilita` kienet respinta ghaliex kif huwa evidenti mix-xiehda ta` Tony Zarb, kemm qabel kif ukoll wara li rrizenja, l-attur kien meqjus bhala sleali lejn il-konvenuta.

c) Il-pretensjoni tal-attur fil-kawza tal-lum ma jistghux jigu abbinati man-`notice money`.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad it-tielet, ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuta.**

**Tilqa` l-ewwel talba tal-attur.**

**Tilqa` t-tieni talba tal-attur u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta` wiehed u ghoxrin elf seba` mija u zewg Ewro u erbatax-il centezmu (€21,702.14) bl-imghax legali b`effett mit-12 ta` Dicembru 2008 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali bin-Numri 4050/08 u 4517/07.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**